MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Numru. 1111/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Mallia)**

**vs**

**Brian Pace**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Brian Pace ta’ 30 sena, iben Saviour u Miriam nee’ Agius, imwieled Pieta’ fis-7 ta’ Awwissu, 1978 u residenti fil-fond Blokk ‘A’ Flat 4, Triq Guze Ellul Mercer, Swatar, limiti tal-Msida u detentur tal-karta tal-identita’ numru 377378(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Fid-29 ta’ Awwissu 2004, ghall-habta ta’ bejn it-tlieta u kwart u l-erba’ u kwart ta’ wara nofs inhar , fl-inhawi tal-Bajja ta’ San Tumas f’ Marsaskala, u f’inhawi differenti f’

dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta’ CD player tal-marka ‘Clarion’ bin-numru serjali 0030970, u ta’ magna fotografika ta’ marka u valur mhux maghrufa, minn go vettura tal-marka Skoda Fabia bin-numru tar-registrazzjoni KJR 002, liema serq hu kkwalifikat, bil-mezz, bil-valur li jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin Euro u tlieta u disghin centezmu €232.93 (Lm100), u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta’ Roderick Spiteri u Joseph Spiteri miz-Zejtun ;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hi ta’ izjed minn mija u sittax-il Euro u sitta u erbghin centezmu (€116.46) (Lm50) izda anqas minn elf mija u erba’ u sittin Euro u tmienja u sittin centezmu (€1164.68) (Lm500), u cioe’ fl-istess vettura tal-marka Skoda Fabia bin-numru tar-registrazzjoni KJR 002, ghad-detriment ta’ Roderick Spiteri u Joseph Spiteri miz-Zejtun ;

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudha b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom ;

4. Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi , malli sar jaf li xi haga li kienet fil-pussess tieghu kienet haga misruqa, mehudha b’qerq jew akkwistata b’reat, naqas li jgharraf lill-Pulizija b’dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta hekk sar jaf ;

5. Sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 26 ta’ April 2011 (esebita a fol. 166 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

a. fl-artikoli 261(b)(c)(g), 263(a), 264, 265, 267, 271(g) u fl-artikoli 278(1)(2)(3), 279(a), 280(1) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. fl-artikoli 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. fl-artikoli 334(a) u 334A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-artikoli 383, 384, 385 u 412(C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2011, l-imputat Brian Pace ddikjara li hu m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Gunju 2012 fejn il-provi tad-Difiza gew dikjarati bhala maghluqa.

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz in dizamina jirrigwarda serqa li sehhet fid-29 ta' Awwissu 2004 minn vettura tal-marka Skoda Fabia bin-numru tar-registrazzjoni KJR002 waqt li din il-vettura kienet parkeggjata fi Triq il-Qlif, fil-bajja ta' San Tumas, f'Marsascala. Dakinhar tas-serqa kienet giet sgassata il-vettura billi tkisritilha il-hgiega tan-naha tax-xellug u anki l-quarter window tal-istess naha u mill-vettura insterqu CD player u camera tar-ritratti li kienet taht is-seat. Ic-cd player kien stmat li jiswa €349.40 filwaqt li l-valur tal-camera ma setghax jigi determinat. Il-valur tal-hsarat kagunati fil-vettura kien jammonta ghal €447.24. Il-propjetarju tal-vettura kien certu Roderick Spiteri. Xi snin wara li sehhet is-serqa, precizament fis-sena 2008, il-Pulizija rceviet informazzjoni li l-imputat fil-kawza odjerna seta' kien involut f'din is-serqa u huwa fil-fatt gie interrogat

mill-Pulizija[1] fejn cahad li kien involut fis-serqa izda accetta li jaghti l-impronti digitali tieghu. Meta dawn l-impronti gew paragunati mal-lifters li gew elevati minn fuq ix-xena tad-delitt kien hemm positive match u l-imputat gie nterrogat darb'ohra[2] fejn huwa qal li ma jiftakarx li kien ghamel din is-serqa izda ma eskludix li seta' kien taht l-effett tad-droga u ghalhekk ma jiftakarx dettalji dwarha. Huwa qal ukoll li jista' jkun li hemm il-fingerprints tieghu ghaliex huwa kien habib ta' sid il-vettura u tela' fiha. Huwa jghid li fiz-zmien li sehhet is-serqa in dizamina ma kienx jiffrekwenta il-lokalita' fejn saret l-istess serqa.

Illi permezz ta' digriet tat-12 ta' Marzu 2010 gie mahtur Joseph Mallia bhala espert tal-impronti digitali sabiex jeleva l-impronti digitali tal-imputat u jaghmel ezami komparattiv mal-lifters li gew elevati minn fuq ix-xena tad-delitt u li huma formanti parti mir-rapport inserit a fol. 53 tal-atti processwali. Permezz ta' dan id-digriet giet mahtura wkoll Dr. Marisa Cassar bhala espert serologu sabiex wara li televa buckle swab tal-imputat taghmel ezami komparattiv mad-demm li gie elevat minn fuq ix-xena tad-delitt, precizament minn fuq id-dashboard tal-vettura li minnha saret is-serqa.

Ikkunsidrat:

Illi fir-rapport tieghu l-espert tal-impronti digitali Joseph Mallia[3] kkonkluda is-segwenti:-

***'Illi wara li gew ezaminati, studjati u kkomparati d-dokumenti 301, 302 u 303 lifters li jigbor fihom impronti digitali zviluppati permezz ta' l-alluminium u l-black powder u elevati permezz ta' lifting tape fuq acetate sheet trasparenti, u d-dokumenti JM1 formola ta' l-impronti digitali u JM2 formola tal-marki tal-pali ta' l-idejn ta' Brian Pace li joqghod fil-fond numru 97, Triq il-Pellegrinagg Cospicua, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 377378(M) l-esponent jikkonkludi dan li gej:***

[1] Ara stqarrija nserita a fol. 28 tal-atti processwali.
[2] Stqarrija relattiva nserita a fol. 30 sa 32 tal-atti processwali.
[3] Rapport inserit a fol. 87 et sequiur tal-atti processwali.

***1. Illi l-impronta li tidher elevata permezz tal-lifter dokument 301, giet ikkomparata pozittiavament mal-marka tas-saba z-zghir ta' l-id ix-xellugija ta' Brian Pace li joqghod fil-fond numru 97, Triq il-Pellegrinagg Cospicua, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 377378(M).***
2. ***Illi l-impronti li jidhru elevati permezz tal-lifters dokumenti 302 u 303 huma nieqsin mill-punti karatteristici li jwasslu ghal-komparazzjoni u identifikazzjoni, ghalhekk ma' setghux isiru l-ezamijiet komparattivi rikjesti bejn dawn l-impronti u d-dokumenti JM1 formola ta' l-impronti digitali, u JM2 formola tal-marki tal-pali ta' l-idejn ta' Brian Pace li joqghod fil-fond numru 97, Triq il-Pellegrinagg Cospicua, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 377378(M)'***

Illi l-espert serologista Dr. Marisa Cassar fir-rapport taghha nserit a fol. 158 tal-process ikkonkludiet is-segwenti:-

***'Il-profil genetiku parzjali li hareg mill-kampjun 01 ma jistax jigi eskluz li jaqbel mal-profil genetiku ta' Brian Pace ID No. 377378M (LR 3.06 X 1017).***
***Likelihood Ratio (LR) – Tqabbil ta' zewg ipotesi:***
***H0-Il-profil genetiku li hareg mill-kampjun 01 jaqbel mal-profil genetiku ta' Brian ID No. 377378M.***
***H1-Il-profil genetiku li hareg mill-kampjun 01 jaqbel mal-profil genetiku ta' persuna ohra fil-popolazzjoni li mhux Brian Pace ID No. 377378M.***

***LR=H0/H1=3.06X1017***

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat qed jigi akkuzat bir-reati ta' serq aggravat bil-valur, mezz u xorta tal-haga misruqa kif ukoll bir-reat ta' hsara volontarja, bir-ricettazzjoni, bir-recidiva u bir-reat li naqas milli jirraaporta lil Pulizija li kellu fil-pussess tieghu oggetti gejjin minn serq. Illi minn ezami akkurat tal-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz

jirrizulta li l-akkuzi ta' serq, hsara volontarja u l-aggravju tar-recidiva lkoll jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi. Mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u senjatament mir-rapport tal-espert tal-impronti digitali u mir-rapport tal-espert serologista jirrizulta li l-impronti digitali tal-imputat instabu fuq il-hgiega li giet miksura meta giet sgassata il-vettura li sar is-serq minnha u d-demm li nstab fuq gewwa tal-vettura, precizament fuq id-dashboard tal-istess vettura kien jaqbel mal-genetic profile tal-imputat. Il-Qorti ma setghat tirriskontra ebda raguni valida u gustifikabbli il-ghala l-impronti digitali tal-imputat u d-demm tieghu kellhom jinstabu fuq il-vettura propjeta' ta' Roderick Spiteri salv ghaliex huwa kien il-persuna li wettaq is-serqa minn din il-vettura fid-29 ta Awwissu 2004. Huwa sejjer ghalhekk jinstab hati kemm tal-ewwel kif ukoll tat-tieni mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu salv li in kwantu jirrigwarda it-tieni imputazzjoni u ghal finijiet ta' piena din ser titqies li kienet mezz ghal fini tal-ewwel imputazzjoni. Huwa evidenti li t-tielet(3) u r-raba'(4) imputazzjoni inghataw bhala alternattiva ghall-ewwel(1) imputazzjoni li taghha l-imputat ser jinstab hati u l-Qorti sejra ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-imputazzjonijiet. In kwantu jirrigwarda il-hames(5) imputazzjoni l-Prosekuzzjoni esebiet diversi sentenzi fejn l-imputat instab hati ta reati minn dawn il-Qrati u waqt l-udjenza tat-30 ta' Marzu 2011 il-Prosekuzzjoni giet ezentata milli tressaq id-debita prova tal-identita' stante li d-Difiza ddikjarat li ma kinitx qed tikkontesta li s-sentenzi esebiti mill-Prosekuzzjoni nghataw fil-konfronti tal-imputat.

Ghall finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja f'diversi okkazzjonijiet u ma jidhirx li huwa gharaf jaqbad it-triq it-tajba u dan nonostante li inghata l-opportunita' li jaghmel dan u fic-cirkostanzi jidrilha li l-aktar piena idoneja tkun wahda karcerarja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tas-26 ta' April 2011 u senjatament l-Artikoli 261(b)(c)(g), 263(a), 264, 265, 267, 271(g),278(1)(2)(3), 279(a), 280(1) ,325(1)(b),49, 50, 289, 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-

imputat hati tal-ewwel(1), tat-tieni(2) u tal-hames(5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmintax(18)-il xahar prigunerija. Stante li t-tielet(3) u r-raba'(4) imputazzjoni inghataw bhala alternattiva ghall-ewwel(1) imputazzjoni li taghha l-imputat qed jinstab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-imputazzjonijiet.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar(1) minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' disa' mija u tmienja u sebghin ewro u sitta u tletin ewro centezmi (€978.36) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------